

Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu sabiex ir-rikkezza tintuża tajjeb billi ma naqgħux għat-tentazzjoni tal-egoiżmu, iżda nqegħduha dejjem għas-servizz tal-ġid komuni b'solidarjetà ma' min għandu inqas.

Qari: *Omelija ta' Papa Leone fil-knisja ta' Sant'Anna fil-Vatikan – Settembru 2025***.**

Ġesù jpoġġi alternattiva ċarissma bejn Alla u l-ġid, u jitlobna nieħdu pożizzjoni ċara u koerenti. "Ħadd ma jista' jaqdi żewġ sidien", u allura "ma tistgħux taqdu lil Alla u l-flus" (ara Lq 16:13....). Hemm bżonn niddeċiedu fuq stil veru u proprju ta' ħajja. Irridu nagħżlu fejn inpoġġu l-qalb tagħna, irridu nagħmluha ċara lil min tassew inħobbu, lil min naqdu b'dedikazzjoni u liema hu tassew il-ġid tagħna. Huwa għalhekk li Ġesù jpoġġi proprju kontra xulxin il-flus u Alla: il-Mulej jitkellem hekk għax jaf li aħna ħlejjaq fqajra, li ħajjitna mimlija bżonnijiet. Sa minn meta nitwieldu, foqra, għarwiena, ilkoll niġu bżonn tal-kura u l-affett, ta' dar, ta' ikel, ta' lbies. L-għatx għall-ġid jirriskja li jieħu post Alla fil-qalb tagħna, meta naħsbu li dan hu li jsalva l-ħajja tagħna, kif jaħseb l-amministratur ħażin tal-parabbola (ara Lq 16:3-7). It-tentazzjoni hi din: li naħsbu li mingħajr Alla nistgħu xorta waħda ngħixu tajjeb, filwaqt li mingħajr il-ġid se nkunu mdejqin u mifnija minn elf bżonn. Quddiem il-prova tal-bżonn inħossuna mhedda, imma flok ma nitolbu l-għajnuna bil-fiduċja u flok naqsmu bi fraternità, niġu ttentati nikkalkulaw, nakkumulaw, insiru suspettużi lejn l-oħrajn.

Mulej, inti mħabba bla qies.
Aħna lkoll indaqs quddiemek, fqir jew sinjur,
Inti bgħatt lil Ibnek il-waħdieni biex isalvana.
Huwa wriena kif għandna ngħixu u ta lilu nnifsu għalina.
Agħmel, Mulej, li narawk f'kull persuna fil-bżonn,
u agħtina l-kuraġġ naqsmu dak li għandna,
biex naħdmu għall-ġustizzja,
u nibnu komunità fejn kulħadd ikun milqugħ.

Iftħilna qalbna biex dan ma jibqax biss kliem jew talb,
imma jkun ta' ġid għall-fqar u għall-ħtiġijiet tal-kulħadd.
Mulej, qed ngħixu fi żmien fejn donnu ħafna qed jagħmlu
l-flus u r-rikkezza l-allat tagħhom.
Għinna Mulej biex, kif qal il-Papa, ma nħallux
l-għatx għall-ġid jirriskja li jieħu postok fil-qalb tagħna.
Agħtina d-dehen biex nitgħallmu naraw lill-batut b'għajnejk
u nħalluk tbiddlilna l-mod kif nittrattaw lill-oħrajn.
Agħmel, Mulej, li nimitawk billi ngħixu fl-imħabba
u nkunu magħqudin ma' xulxin.
Fuq kollox għinna biex nieħdu ħsieb il-fqar u d-dgħajfin.
kif ukoll, biex ma ninsewx lil min hu mwarrab,
u naqsmu mal-oħrajn il-ġid li għoġbok tipprovdilna.
Mulej, agħtina qalb li ma tibqax indifferenti.
Għinna ma nkejlux il-valur ta' persuna
skont dak li għandha, tagħmel jew tagħtina lura.
Mulej, agħtina d-dehen biex naqsmu b'ġenerożità,
nisimgħu b'rispett u naqdu mingħajr ma nfittxu tifħir.

KANT

Qari: *Omelija ta' Papa Leone fil-knisja ta' Sant'Anna fil-Vatikan – Settembru 2025***.**

Fil-fatt, il-kelma tal-Mulej ma tpoġġix kontra xulxin lill-bnedmin fi klassijiet rivali, imma tixpruna lil kulħadd għal rivoluzzjoni interjuri, konverżjoni li tibda mill-qalb. Hawn jinfetħulna jdejna: biex nagħtu, mhux biex naħtfu. Hawn jinfetħu l-imħuħ tagħna: biex infasslu soċjetà aħjar, mhux biex ninnegozjaw bl-aħjar prezz. Kif jikteb San Pawl, "nitlob l-ewwel nett li jsiru suppliki, orazzjonijiet, talb u radd il-ħajr għall-bnedmin kollha; għas-slaten, għal dawk kollha li għandhom xi awtorità" (1 Tim 2:1). Illum, b'mod partikulari, il-Knisja titlob biex il-mexxejja kollha tal-ġnus ikunu ħielsa mit-tentazzjonijiet li jużaw l-għana kontra l-bniedem, u jibdluh f'armi li jeqirdu l-popli u f'monopolji li jumiljaw lill-ħaddiema. Min jaqdi lil Alla jsir ħieles mill-għana, imma min jaqdi lill-għana jibda lsir tiegħu!

Min ifittex il-ġustizzja jibdel l-għana f'ġid komuni; min ifittex il-ħakma jibdel il-ġid komuni fil-priża tar-regħba tiegħu stess.

Mulej, inti ħlaqt lid-dinja u kull ma fiha.
Ħlaqtha biex kull ħolqien tiegħek ikun jista' jgħix komdu.
Iżda sfortunatament il-bniedem jaħseb mod ieħor,
u t-tqassim tal-ġid komuni mhux wieħed ġust,
għax min għandu ħafna u min għandu ftit jew xejn.
Mulej Ġesù, inti għidtilna
"Kont bil-ġuħ u tmajtuni; kont bil-għatx u sqejtuni;
kont għeri u libbistuni; kont marid u ġejtu żżuruni."
Mulej, għin lil min għandu iktar milli għandu bżonn
biex jifhem li hu għandu l-obbligu
li jara li kulħadd għandu aċċess almenu
għal dak li jeħtieġ u biex jgħix u jiżviluppa b'dinjità.
Mulej, agħtini l-għajnuna biex ma ngħix magħluqa fija nnifsi,
imma nara l-bżonnijiet ta' dawk ta' madwari.
Warrab minn ġo qalbi l-egoiżmu u l-indifferenza.
Agħtini d-dehen biex nuża t-talenti, il-ħin
u l-ġid tiegħi għall-ġid ta' kulħadd,
u biex inkun dejjem lest/a li nkun ta' servizz għal ħaddieħor.
Agħtini qalb sensittiva lejn dawk li għandhom inqas,
u għinni nersaq lejhom b'rispett, solidarjetà u mħabba.
Fuq kollox, Mulej, għinni biex qatt ma nħossni aħjar minnhom,
imma biex nagħraf li huma ħuti, u li jixirqilhom kull rispett u dinjità.
Agħtini l-għerf biex nagħraf x'nista' nagħmel illum
biex naqsam dak li għandi, biex inħeġġeġ il-ġustizzja
u biex nibni komunità fejn ħadd ma jitħalla waħdu.
Mulej, agħmel minni strument ta' ġid, biex ħajti tkun ta' servizz,
u l-għażliet tiegħi jkunu xhieda tal-imħabba tiegħek.

KANT

Nitolbu flimkien

Nitolbuk, Mulej, sabiex tifthilna qalbna għall-fqar, għall-vulnerabbli u għal dawk li s-soċjetà tħalli warajha. Agħmel li l-ħajja tagħna tkun xhieda tal-imħabba tiegħek u li aħna nkunu strumenti tal-ġid komuni.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej Ġesù sabiex nimxu tassew fuq il-passi tiegħek. Agħmel li aħna nkunu għajn ta' tama u li aħna nagħrfuk f'kull persuna li tbati, f'kull persuna li hi fil-bżonn, kif ukoll f'kull persuna li tħossha minsija.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej għal dawk li qed jgħixu fil-faqar, mingħajr ikel, dar jew sigurtà, sabiex huma jsibu għajnuna konkreta u nies li jilqgħuhom b'dinjità.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbuk għal dawk li għandhom ir-responsabbiltà fit-tmexxija tal-komunitajiet u tas-soċjetà, sabiex huma jfittxu l-ġustizzja u l-ġid komuni, u jagħtu kas speċjali ta' min hu vulnerabbli.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitobuk Mulej għal dawk li jaħdmu fil-karità u fil-qadi tal-fqar, sabiex isibu l-għajnuna u s-saħħa li għandhom bżonn, u biex il-ħidma tagħhom tkun xhieda ta' mħabba.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbu għall-komunità parrokkjali tagħna sabiex inkunu aktar magħqudin u aktar ġenerużi, u biex ma nħallu lil ħadd waħdu meta jsib ruħu fil-bżonn.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbuk, sabiex tibgħat l-iSpirtu Qaddis Tiegħek fuq il-komunità tagħna, biex jimlielna qalbna bl-imħabba u l-kompassjoni, biex nagħrfu li aħna lkoll ulied prezzjużi tiegħek, u għalhekk kulħadd jixraqlu rispett u dinjità.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.